**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs.**

**Malika Alaoui Chrifi DeGabriele**

Numru: 414/15

Illum 24 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Malika Alaoui Chrifi DeGabriele**, bint Mustapha Alaoui Chrifi u Zazia xebba Chergui, imwielda l-Marokk nhar il-5 ta' Dicembru 1967 u residenti gewwa 223, Triq l-Imsida, Birkirkara u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 24908(A)

akkuzata talli nhar it-3 ta' Settembru 2014 u fil-gimghat u xhur ta' qabel:

1. volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' Chrisopher Scerri fejn l-ammont tal-hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 8a *et seq.*).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 84), lill-imputata tiddikjara li kien ser taghzel li ma tixhidx f'dawn il-proceduri u semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Luke Bonello** (*a fol.* 13 *et seq.*) fejn spjega li fil-25 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tas-1.30pm, certu Christopher Scerri ghamel rapport fir-rigward ta' proprjeta' li kellu mikrija lill-imputata. Jghid li l-proprjeta' hija "Blueberry", Flat 9, Triq F S

Caruana, Birkirkara. Jixhed li l-imsemmi Scerri kien l-ewwel allega li l-imputata kienet tinsab f'din il-proprjeta' illegalment u jghid li din il-problema kienet giet sorvolata u li sussegwentement Scerri baghat kwerela fis-sens li wara li harget l-imputata mill-post u meta hu rnexxielu jidhol fil-proprjeta' imsemmija, Scerri sab hsarat li jammontaw ghal tlett elef, disa' mija u tnejn u disghin Euro (€3992.00). Spjega li baghat ghall-imputata u li hija rrilaxxat stqarrija. Jixhed li filwaqt li dokument li jinsab *a fol.* 2 tal-process huma d-dettalji tal-imputata, dokument *a fol.* 4 hija l-fedina penali tal-imputata u li dokument *a fol.* 5 u 6 hija l-istqarrija li giet rilaxxata mill-imputata fit-12 ta' Frar 2015.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk meta Scerri mar jaghmel ir-rapport huwa ndikax liema hsarat kien qed jaghmel riferenza ghalihom, spjega li apparentement kien hemm zewg bibien, sufan, *washing machine*, saqqu, forn u kif ukoll xoghol ta' *maintenance* li kellu jsir fuq dawn l-affarijiet. Mistoqsi dwar il-valuri moghtija minn Scerri, wiegeb: *"Kien hemm valuri diversi fejn ghandek tal-bibien hemm sitt mitt Euro, tas-sufan hemm elf u hamsin, tal-washing machine hames mija u sebgha u erbghin Euro, tas-saqqu tlett mija u hmistax il-Euro u l-cooker sitt mija u tmenin Euro"* (*a fol.* 14). Jghid li Scerri nfurmah li l-forn garrab xi hsarat ghax l-imputata kienet titfa' l-hatab fih u tqabbad il-hatab u b'hekk saritlu hsara rreparabbli.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015, xehed ukoll **Christopher Scerri** (*a fol.* 15 *et seq.*) fejn spjega li kien kera l-post in kwistjoni lil Abdallah Nawaflesh. Ezebixxa l-kuntratt relattiv li gie mmarkat bhala Dok. "CS 1" (*a fol.* 18 *et seq.*). Jghid li fil-kuntratt hemm imnizzel li ma' Abdallah setghu joqghodu martu u t-tfal tieghu biss. Spjega li meta mar biex jigbor il-kirja tal-post, l-imputata kienet qaltlu li kien jinsab msiefer. Jghid li jiftakar sew li dan kien ghall-habta ta' Awwissu 2014. Jghid li rnexxielu jiskopri li Abdallah kellu xi kazijiet pendenti quddiem il-Qorti u li kien harab mill-pajjiz u li kien imfittex fuq xi frodi. Jixhed li fil-kuntratt ma' Abdallah, li huwa ffirmat minn Abdallah stess, hemm imnizzel li l-affarijiet fil-post jinsabu f'qaghda tajba u li kellu jsir xi tibjid tant li Abdallah infurmah li martu kienet gejja mis-safar l-ghada, talbu c-cavetta u biex inqassalu xi haga mill-kont (tant li hu Scerri naqqaslu xahrejn

mill-kera) u li hu kien ser jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat u hu (Abdallah) kellu jbajjad u kien hemm zewg madumiet imkissrin li kellu jaghmilhom. Jghid li minn dan kollu baqa' ma sar xejn. Spjega li ftit taz-zmien wara kien cempillu certu Stefan Degabriele fejn infurmah li hu missier it-tfal tal-imputata u qallu: *"ara ma tweggaliex lit-tfal b'dak il-madum li ghandek"* (*a fol.* 16). Jghid li hu (Scerri) wiegbu li hu kien ghamel il-kuntratt ma' Abdallah u jghid ukoll: *"ghidtlu jiena la naslu ghal kompromess naslu ghal kompromess u ftehmna li ntih in-number tal-maintenance ta' minn fejn xtrajt il-post biex jaghtih madum bhalhom u qalli naghmel tajjeb ghalihom jien mhux problema u dak li gara jigifieri pero' baqa' qatt ma mar jaghmilhom il-madum"* (*a fol.* 16). Spjega li Abdallah kien infurmah li b'dawk ix-xahrejn li ma kienx hallsu kien ser ibajjad kullimkien u verbalment kienu ftehmu li kellu jibdel dawk il-madum. Mistoqsi fir-rigward tal-imputata, jghid li mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija peress li ghalih kienet *squatter*. Jghid li l-imputata ghamltilu hsarat, u semma l-forn.

**Christopher Scerri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn ezebixxa s-segwenti:

- erba' karti li jghid li hi rcevuta jew *quotation* tal-bibien li sab imkissrin meta dahal wara li gara l-kaz, liema karti gew immarkati bhala Dok. "CS 2" (*a fol.* 29 *et seq.*),

- rcevuta tal-affarijiet li kien xtara li saret xi hsarat fuqhom, fosthom il-*washing machine*, il-*fridge* u l-forn, immarkata bhala Dok. "CS 3" (*a fol.* 32 );

- rcevuta tas-sufan li fuqu saret il-hsara, liema rcevuta giet immarkata bhala Dok. "CS 4" (*a fol.* 33);

- rcevuta tas-saqqu li giet immarkata bhala Dok. "CS 5" (*a fol.* 34);

- rcevuta ta' forn li giet immarkata bhala Dok. "CS 6" (*a fol.* 35) fejn jispecifika li din mhijiex rcevuta tal-forn li gie miksur, pero li kien gie mibdul peress li meta kienet qaltlu li ma kienx jahdem u hu xtara iehor pero hi ma accettatux;

- rcevuta ohra: *"li fejn jaghtu l-fridge, il-cooker u l-washing machine pero' fejn hawn imnizzel li hallast din li hija rcevuta bazikament"* (*a fol.* 27), liema rcevuta giet immarkata bhala Dok. "CS 7" (*a fol.* 36);

- sitta u ghoxrin ritratt li gew immarkati bhala Dok. "CS 8" (*a fol.* 37 *et seq.*).

Jghid li r-ritratti huma r-ritratti tal-post kif kien qabel meta kien irreklamah biex jikrih u kif kien *"pressa poco"* qabel ghaddieh lil Abdallah. Jghid li hemm ukoll ritratti ohra li juru l-hsarat li saru waqt li kien mikri. Jghid li dawn id-dokumenti li pprezenta jirrigwardaw il-fond "Blueberry", Flat 9, Triq FS Caruana, Birkirkara. Mistoqsi dwar il-hsara li garrab il-forn, spjega li kien gie nfurmat kien hemm xi hsara fil-forn u minkejja li kien baghat xi nies biex isewwuh u kienu ftehmu hin, hadd ma fetah lill-haddiema. Spjega li wara kien mar xi Taljan u qallu li l-hsara li saret saret peress li gewwa l-forn kien inqabad xi *charcoal* jew xi tip ta' injam u li beda jsir tisjir b'dan il-mod u b'hekk il-forn ma kienx jissewwa.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016, xehdet **WPS 158 Gillian Henwood** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn spjegat li fil-25 ta' Awwissu 2014 kellhom rapport minn ghand Christopher Scerri rigward xi hsara fil-proprjeta' tieghu f'"Blueberry Court", Flat 9, Triq FS Caruana, Birkirkara fejn xtaq li l-persuna li kienet qed tikri l-post imsemmi titlaq il-barra. Tghid li Scerri baghat kwerela u kif ukoll stima tal-hsarat li kienet ghamlet din il-persuna, liema stima tammonta ghal €3992. Ezebiet ir-rapport redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "GH 1" (*a fol.* 66 *et seq.*) u kif ukoll dokument iehor bi stimi, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "GH 2" (*a fol.* 71). Tghid li Dok. "GH 2" (*a fol.* 71) huwa t-total tal-hsarat li garrab l-imsemmi Scerri fl-appartament tieghu. Tghid li dawn huma stimi differenti minn persuni differenti.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016, xehed **Joseph Costa** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn beda billi spjega li huwa jahdem bhala *salesperson* mal-kumpanija "JS Household". Ezebixxa rcevuta li turi li certu Christopher Scerri kien xtara *washing machine* minn ghandhom,

liema rcevuta giet immarkata bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 75). Mal-ircevuta ezebixxa wkoll dikjarazzjoni maghmula mill-imghallem tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huma gew imharrkin biex jixhdu fuq *washing machine* biss.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016, xehed ukoll **Arnold Vella** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn beda billi spjega li huwa direttur tal-kumpanija "Fair Deal Furniture". Ezebixxa vera kopja ta' *invoice* li giet immarkata bhala Dok. "AV 1" (*a fol.* 79) u jghid li certu Scerri xtara sufan minn ghandhom u li huma gew imhallsa ghal dan il-bejgh. Jghid li s-sufan inxtara f'Novembru 2008.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (*a fol.* 5 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Luke Bonello, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat id-dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat ta' fiducja taghha u hija hadet dan id-dritt, l-imputata kkonfermat li kienet tghix fil-fond "Blueberry", Flat 9, Triq FS Caruana, Birkirkara. Hija ghazlet li ma tirrispondiex ghad-domandi l-ohra li saru lilha ghajr ghal dawk fejn giet mistoqsija jekk hija qattx tressqet il-Qorti u jekk riditx izzid xi haga mal-istqarrija, ghal liema domandi wiegbet fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputata qed tigi akkuzata bi hsara volontarja ghad-detriment ta' Christopher Scerri fl-ammont indikat fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitata fil-konfront

tal-imputata hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputata tigi ddikjarata hatja, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi l-Qorti tinnota li din il-kawza hija bbazzata fuq provi cirkostanzjali. Il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza

moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja [...]

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati *a tempo vegine* tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti *viva voce* minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, *stante* li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq meta taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi apparti l-allegazzjonijiet mressqa mill-parti leza, li jibqghu allegazzjonijiet sakemm ma jigux pruvati, il-Qorti tinnota li mhux talli ma jirrizultax li l-imputata ghamlet xi hsara volontarja fil-proprjeta' in kwistjoni, talli anqas biss jirrizulta li kienet hi li wettqet xi hsara! Dan ma jirrizultax mill-atti processwali. Ma jirrizulta l-ebda element ta' volontarjeta' (u anqas ta' involontarjeta') da parti tal-imputata!

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputata hijiex hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputata.

Illi l-atti processwali jistghu jindikaw biss diversi ipotesijiet u mhux certezzi u ma tista' tinstab l-ebda prova univoka li tista' qatt twassal

lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. Il-Qorti tista' tispekula dwar dak li setgha sar mill-imputata madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata Malika Alaoui Chrifi DeGabriele hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'hekk tilliberaha minnha.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**